MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 569/2010

**26th Frame Limited**
**(C – 36306)**

**vs**

**Phonic Limited (C – 35863) u**
**Sarah Ann Gatt (I.D. 463780(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta’ elf u tlieta u disghin ewro u tmienja u disghin centezmi (€1,093.98), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti jew min minnhom. Minn dan l-ammont kien sar hlas mill-konvenuti lis-socjeta’ attrici permezz ta’ cekk ta’ HSBC Bank Malta plc. numerat 12 mill-kont ta’ BS Trading Limited, liema cekk ma kienx gie onorat mill-Bank (Dokument A anness mal-Avviz tat-talba).

Dana oltre l-ammont ta’ €2,187.83 li huma l-mertu tal-kawza fl-istess ismijiet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-28 ta’ Jannar, 2010 (Avviz numru 922/09MK).

Il-konvenuti interpellati sabiex ihallsu diversi drabi baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, illi ge ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf u tlieta u disghin ewro u tmienja u disghin (€1,093.98), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------